MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' April, 2011

Avviz Numru. 241/2010

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**Vs**

**Mathew Vella ID 358387(M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erbat elef, mitejn u wiehed u tmenin euro u tlieta u disghin centezmu (€4281.93), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut minn Vella Mathew lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilu mill-istess Mobisle Communications Limited fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2009, u dana in- segwitu ta', u skond Client Contract No 415943, liema kuntratt huwa iffirmat minn Vella Mathew.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru 2009, u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat ma l-avviz, u bl-imghaxijiet kontra il-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 6 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-11 ta' April 2011 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €4281.93 bl-imghaxijiet legali mit-tnejn (2) ta’ Dicembru 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru 2009 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru tas-7 ta’ Lulju 2010.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------